VALLETTA CULTURAL AGENCY

Stqarrija

11 ta' Ottubru 2019

**Attivitajiet mużikali bla ħlas għal kulħadd ġewwa l-Belt Valletta f'Ottubru**

Matul ix-xahar t'Ottubru, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta se tkun qed ittella' diversi avvenimenti mużikali u kunċerti ġewwa l-Belt bħala parti mill-Programm Kulturali tagħha għall-2019. Dawn jinkludu rappreżentazzjonijiet bil-kontrabaxx bħala parti mill-Malta International Double Bass Days, li se jkun qed isir bejn it-18 u l-20 ta' Ottubru, u 3 rappreżentazzjonijiet 'pop-up' bħala parti minn Tektika Kapitali, fis-26 ta' Ottubru.

Il-Malta International Double Bass Days se jkun qed jipprovdi pjattaforma għal dawk li jdoqqu l-kontrabaxx f'Malta, kemm jekk huma professjonisti u anke jekk għadhom jibdew. Il-festival, li se jibqa' għaddej tul tmiem il-ġimgħa kollu, se jsir ġewwa l-Belt Valletta bejn it-18 u l-20 ta' Ottubru. Dan se jikkonsisti f'lezzjonijiet, masterclasses u workshops ma' tuturi prestiġjużi lokali u internazzjonali. Għal dawn tal-aħħar jista' jattendi kull min huwa interessat fil-kontrabaxx u t-tagħlim tiegħu – l-esperjenza, il-livell jew l-età ma jagħmlux differenza. Dawk interessati jistgħu jirreġistraw fuq is-sit https://maltabass.com/index.php/apply-now/.

Il-festival se jkun jinkludi wkoll kunċerti bla ħlas miftuħa għall-pubbliku ġenerali. F'dawn il-kunċerti se jkunu qed jipparteċipaw l-istudenti u t-tuturi kollha, kif ukoll mużiċisti mistiedna. L-ewwel kunċert ta' filgħaxija se jittella' ġewwa l-Kavallier ta' San Ġakbu (Studjo B) nhar il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru, fit-8pm. Kristin Korb se tkun qed iddoqq il-kontrabaxx u tkanta filwaqt li Dominic Galea se jkun qed jakkumpanjaha fuq il-pjanu.

It-tuturi tal-Malta International Double Bass Days Gjorgji Cincievski, Símón Garcia, Michelle Scicluna u Marco Agnetti se jkunu qed idoqqu kanzunetti ta' The Beatles, Queen u oħrajn, b'arranġament speċjali għall-okkażjoni, nhar is-Sibt 19 ta' Ottubru, quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Dan il-kunċert bla ħlas jibda fit-8pm.

Hemm ippreparati wkoll żewġ kunċerti bla ħlas għal nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru. Fil-11am se tittella' rappreżentazzjoni fl-apert, proprju ġewwa Misraħ San Ġorġ, bil-parteċipazzjoni tal-mużiċisti żgħar u żgħażagħ tal-festival. Il-parteċipanti kollha ta' din is-sena mbagħad se jingħaqdu flimkien għal kunċert tal-aħħar fis-7pm ġewwa l-Kampus tal-Belt Valletta (il-bini l-antik tal-Università).

**Valletta Cultural Agency**
Exchange Buildings
Republic Street
Valletta VLT 1117
Malta

Email: info@vca.gov.mt
Telephone: (+356) 2124 2018

**www.vca.gov.mt**

VALLETTA
CULTURAL
AGENCY

Għal aktar informazzjoni dwar il-Malta International Double Bass Festival, żur is-sit maltabass.com.

It-tieni proġett mużikali tal-VCA għal Ottubru huwa Tektika Kapitali - proġett parteċipatorju tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta li se jilħaq il-qofol tiegħu bi tliet rappreżentazzjonijiet 'pop-up' ġewwa l-Belt Kapitali nhar is-Sibt 26 ta' Ottubru. Ir-repertorju għal dawn ir-rappreżentazzjonijiet jinkludi kanzunetti miktuba minn kompożituri Beltin mill-1900 'il quddiem. Il-ġurnata se tingħata bidu fl-10am, bl-ewwel rappreżentazzjoni ġewwa Pjazza Tritoni. It-tieni rappreżentazzjoni se tittella' f'nofsinhar (12pm) f'Misraħ l-Assedju l-Kbir, quddiem il Qorti, filwaqt li l-aħħar rappreżentazzjoni se tittella' ġewwa l-Barrakka ta' Fuq fis-2pm.

Dan il-proġett se jkun qed jittella' minn Tektek Nota; formazzjoni mużikali ġdida taħt it-tmexxija ta' Tikka Banda. Il-formazzjoni hija magħmula minn għadd ta' mużiċisti żgħażagħ u emerġenti li għandhom bejn il-11 u t-30 sena, b'kull wieħed u waħda minnhom idoqqu strumenti differenti fosthom it-trumbetta, il-klarinett, il-flawt u d-drums. Bħalissa għaddejjin workshops ta' kull ġimgħa fejn il-mużiċisti qed jingħataw gwida u tagħlim minn professjonisti fil-qasam mużikali, bi preparazzjoni għar-rappreżentazzjonijiet mużikali finali.

Iċ-Ċermen tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta Jason Micallef qal li, "huwa importanti li dejjem inkomplu norganizzaw u ntellgħu proġetti u avvenimenti ta' kwalità ġewwa l-Belt Valletta – proġetti li jgħinu lill-artisti żgħażagħ tagħna, b'mod speċjali, jiżviluppaw it-talenti tagħhom u jsiru dejjem aktar professjonali fl-oqsma rispettivi tagħhom. Il-Malta International Double Bass Days u Tektika Kapitali juru dan biċ-ċar." Huwa kompla jgħid li, "dawn iż-żewġ proġetti għandhom fiċ-ċentru tagħhom l-iżvilupp ta' mużiċisti żgħażagħ. Attivitajiet bħal dawn jipprovdu pjattaforma u anke esperjenza siewja lil dawn l-artisti, li qed jesperjenzaw x'jiġifieri tkun mużiċisti f'avveniment pubbliku u l-preparazzjoni kollha li dan iġib miegħu, u qed jesperjenzaw ukoll sessjonijiet edukattivi ma' esperti u ismijiet rinomati lokali u internazzjonali fil-qasam mużikali. Qed ninkoraġġuhom biex jesprimu lilhom infushom permezz tal-mużika u fl-istess ħin, qed inwessgħu s-settur kulturali lokali billi nintroduċu artisti ġodda." Temm jgħid li "b'hekk, dawn il-parteċipanti 'il quddiem jistgħu jsiru mużiċisti u artisti esperti li jagħtu l-kontribut tagħhom għall-industrija kulturali li dejjem qed tiżviluppa f'pajjiżna. Dan huwa l-legat li nixtiequ nħallu fis-settur kulturali."

Għal aktar informazzjoni fuq dawn iż-żewġ avvenimenti u biex iżżomm ruħek aġġornat mal-proġetti tal-VCA, agħmel 'like' u segwi l-paġna ta' Facebook – Valletta Cultural Agency.

**Valletta Cultural Agency**
Exchange Buildings
Republic Street
Valletta VLT 1117
Malta

Email: info@vca.gov.mt
Telephone: (+356) 2124 2018

**www.vca.gov.mt**